MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PHILIP MANDUCA

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2004

Talba Numru. 1341/2003

**Lawrence Zammit**

**Vs**

**Henry-Hank Aquilina**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li fih l-attur talab il-hlas ta’ Lm282.99c (mitejn u tnejn u tmenin lira Maltin u disgha u disghin centezmu) rapprezentanti danni f’incident awtomobilistiku bejn il-vettura LCE 485 proprjeta’ ta’ l-attur u misjuqa minn Roderick Zammit u l-vettura tal-konvenut GAC 162 ghall-liema ncident l-konvenut kien unikament responsabbli minhabba mprudenza, mperizja, negligenza w inosservanza tar-regolamenti.

Ra r-Risposta fejn il-konvenut qal li mhux responsabbli ta’ dan l-incident.

Ra d-dokumenti esebiti.

Fl-istess Road Accident Report esebit gie miktub hekk:

L-attur qal:

“Kont gej mill-mina ghad-direzzjoni tal-knisja u hbat mal-karozza l-ohra.”

Il-konvenut qal:

“Il-karozza l-ohra qabzitni u laqatli quddiem.”

Ra x-xhieda ta’ Henry-Hank Aquilina fejn ighid li kien gej mill-mina diehel gewwa Senglea minfejn kien gej Roderick Zammit izda jghid li hu kien quddiemu. Jghid li meta kien qed isuq vicin il-lines il-maqtughin, Zammit qalghu minn gewwa u tah daqqa fuq il-*mudguard* ta’ kontra x-xufier. Jikkonferma li ma rahx lil Roderick Zammit qabel l-incident. Jikkonferma ukoll li Roderick Zammit sparalu t-tyre ta’ quddiem u ghalhekk kien hemm il-marki fl-art. Jichad li waqqaf u nizzel il-familja u kien se jidhol fil-parking place. Ma jaqbilx ma’ l-iskizz ghaliex ighid li kien iktar vicin ix-xellug tat-triq. Ighid illi l-karozza tieghu kienet f’nofs il-lines li huma fin-nofs tat-triq li hija naqra mghawga.

Ra x-xhieda ta’ Maria Aquilina li kienet *front seat passenger* mal-konvenut fejn tghid li ma ratux lil Zammit izda hasset id-daqqa biss. Imbaghad tghid li ratu gej bi speed qawwi u qabizhom. Tghid li ma taqbilx ma’ l-iskizz ghaliex ma kienux daqshekk ‘il barra. Fil-kontro-ezami tghid li kienu hi, l-konvenut u t-tifel fil-karozza izda mbaghad tellghu l-habib taghhom ukoll u hadd ma nizel qabel l-incident.

Ra x-xhieda ta’ Roderick Zammit fejn ighid li l-vettura tal-konvenut ma rahiex izda hass id-daqqa fuq il-genb. Ighid li kien qed isuq fuq ix-xellug tal-pjazza u ghalhekk il-konvenut kien *wrong-way*. Ighid ukoll li kien hemm hafna karozzi pparkjati pero’ kien hemm post ghall-karozza wahda fejn fil-fatt gara l-incident. Fil-kontro-ezami jghid li

ma qalax il-vettura tal-konvenut u kien hemm il-*brakemarks* tieghu ghaliex infaqalu t-tyre. Jghid li kien ghaddej bi tletin kilometru fis-siegha (30kmph).

**Ikkunsidra**

Li Henry-Hank Aquilina qal li qabel l-incident ma kienx ra l-vettura ta' l-attur. Mart il-konvenut ukoll tghid li qabel l-incident ma ratx il-vettura ta' l-attur. L-attur ukoll qal li qabel l-incident ma kienx ra l-vettura tal-konvenut.

Mill-iskizz jirrizulta li l-vettura tal-konvenut hija fuq in-naha hazina tat-triq. Illi l-konvenut kellu obbligu li jsuq fuq ix-xellug. Illi mill-provi t-Tribunal jikkonkludi li l-konvenut kien qed isuq b'mod negligenti u ried jidhol biex jipparkja u ma kienx bizzejjed attent. Kieku l-konvenut kien qed isuq fid-dritt (biex jara l-lancja tieghu fis-saghtejn ta' filghodu) ma kienx jispicca fejn spicca fl-iskizz angulat lejn ix-xellug. Il-verzjoni tal-konvenut mhix kredibbli. Il-konvenut ighid li l-attur ghandu tort ghaliex ghamel manuvra ta' surpass minghajr l-attenzjoni rikjesta. Fil-fatt ma jirrizultax li l-incident gara minhabba surpass. Il-konvenut ma jistax ighid li kien hemm surpass ghaliex ma kienx ra l-vettura l-ohra qabel l-incident.

Id-danni ma gewx kontestati u gew esebiti l-ircevuti.

Ghaldaqstant jichad ir-Risposta tal-konvenut u jikkundanna lill-konvenut ihallas Lm282.99c (mitejn u tnejn u tmenin lira Maltin u disgha u disghin centezmu) lill-attur bl-imghax mis-16 ta' Lulju, 2003 u bl-ispejjez tal-kawza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------